MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 842/2010

Samantha Grima
vs
1) Kevin Micallef
2) Alan Bugeja
3) Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar
4) Maurice Attard
5) Sonlit Limited u b’digriet tat-8 ta’ Frar 2011 l-atti ghaddew f’isem Stephen Balzan bhala stralcarju

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi nhar l-erbatax (14) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ir-rikorrenti Samantha Grima xtrat biljett u attendiet ghal *open air party* fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Fra Ben, il-Qawra, liema *party* kien organizzat mill-intimati Kevin Micallef, Alan Bugeja u l-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar. Illi jirrizulta wkoll li l-armar tad-dawl

ghal din l-attivita` kien fdat f'idejn is-socjeta` intimata Sonlit Limited;

2. Illi waqt li kien ghaddej dan il-*party,* l-armar (*truss*) tad-dawl inqaleb u waqa' fuq diversi nies prezenti, fosthom ir-rikorrenti Samantha Grima u l-istess rikorrenti korriet serjament;

3. Illi kif sussegwentement irrizulta minn Inkjesta Magisterjali ordnata dwar l-istess incident, illi l-armar ta' dan it-*truss*/dawl kien fdat f'idejn is-socjeta` intimata Sonlit Limited, u sar fil-presenza tad-direttur taghha u cioe` l-intimat Maurice Attard. Ta' min jghid illi b'rabta ma' dan l-incident, inbdew proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-intimat Maurice Attard;

4. Illi bhala konsegwenza ta' l-incident u l-griehi sofferti minnha, ir-rikorrenti sofriet dizabilita` serja u permanenti fuq il-persuna taghha, dan kollu skond ma jirrizulta ahjar mic-certifikat mediku mahrug mill-konsulent ortopediku Raymond Aquilina li gie anness mar-rikors guramentat u immarkat bhala Dokument A, u mic-certifikat mediku rilaxxjat mill-kirurgu (*plastic surgeon*) Joseph E. Briffa, anness mar-rikors guramentat u immarkat bhala Dokument B;

5. Illi r-rikorrenti inkorriet u ghadha qed issofri danni konsistenti fi spejjez ta' kura u spejjez ohra relatati kif ukoll telf ta' qligh kemm s'issa u kemm fil-futur;

6. Illi ghall-akkadut huma unikament responsabbli l-intimati Kevin Micallef, Alan Bugeja u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar bhala organizzaturi tal-*party*, u Sonlit Limited u d-direttur taghha Maurice Attard bhala l-persuna resopnsabbli mill-armar tad-dawl, u dan peress li l-incident gara minhabba t-tort, negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u nuqqas ta' hila fl-arti, nuqqas ta' osservanza ta' prekawzjonijiet mehtiega da parti ta' l-intimati *stante* li organizzaw attivita` fil-berah meta kien hemm rih qawwi u kellhom l-armar installat mhux kif titlob

l-arti u s-sengha, u b'hekk kien installat hazin, u dan *nonostante* avvizi meterjologici li kien hemm fis-sehh;

7. Illi l-intimati ghalkemm interpellati sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom ikkagunati, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-intimati flimkien u *in solidum* unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar l-14 ta' Settembru 2008 fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Fra Ben, il-Qawra li fih korriet gravament ir-rikorrenti Samantha Grima, kif fuq spjegat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dan l-incidenti u l-korriment, u dana okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu flimkien u *in solidum* lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar li biha espona:

1. Preliminarjament, illi l-intimat Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li ma setax jigi prezentat rikors guramentat fil-konfront ta' l-istess Kunsill Lokali gjaladarba ma gewx imharsa d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 u kwindi l-atti in kwantu jikkoncernaw lill-intimati huma nulli;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-lista tax-xhieda prezentata mill-attrici ma

tissodisfax id-dispozizzjonijiet tal-ligi u senjatament l-artikolu 156(4) tal-Kap 12 peress li ma tawx l-ismijiet ghal uhud mix-xhieda u minflok qed isiru referenzi ghal *stage names* li m'ghandhom ebda relevanza quddiem din il-Qorti.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Alan Bugeja u Kevin Micallef li biha esponew:

1. Illi preliminarjament, ghandu jigi stabbilit jekk Samantha Grima hijiex f'puzizzjoni li tittenta l-azzjoni odjerna minhabba fl-eta` taghha;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma ghandhomx jinstabu responsabbli ta' l-incident, peress illi huma ma kienux responsabbli ghall-installar u sikurezza ta' l-armar li eventwalment waqa' u ikkawza l-incident mertu tal-kawza odjerna, liema tqeghid sar minn terzi persuni;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh minhabba f'cirkostanzi li huma ma kellhomx ebda kontroll fuqhom, kif jigi ippruvat waqt l-andament tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata minn Alan Bugeja u Kevin Micallef.

Rat ir-risposta guramentata ta' Maurice Attard u Stephen Balzan li biha esponew:

1. Illi, preliminarjament, in-nullita` tar-Rikors Guramentat in kwantu dirett kontra s-socjeta` intimata Sonlit Limited (C 15135) *stante* li, kif se jigi ampjament ippruvat, fil-mument tal-prezentata ta' l-istess Rikors Guramentat din is-socjeta` kienet diga fil-process ta' stralc u kwindi r-rikors guramentat kellu jigi prezentat originarjament kontra l-istralcjarju ta' din is-socjeta` u mhux kontra s-socjeta` Sonlit Limited innifisha, u dan in-nuqqas m'huwiex sanabbli bl-eventwali trasfuzjoni tal-att f'isem Stephen Balzan bhala stralcjarju tas-socjeta`;

2. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *rationae valoris* stante li kwalsijasi danni li setghu talvolta qatt gew sofferti mill-attrici huma *de minimis* u l-ammont li talvolta ghad jista' jigi likwidat huwa inferjuri ghall-ammont li jiddelimita l-kompetenza ta' din il-Qorti;

3. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, f'kull kaz, it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-intimat Maurice Attard u kontra s-socjeta` intimata Sonlit Limited (C-15135) huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li l-istess intimat Maurice Attard u l-istess socjeta` intimata Sonlit Limited (C-15135) mhumiex responsabbli skond il-Ligi ghall-incident *de quo agitur* u allura ghad-danni li qed jigu reklamati mill-attrici;

4. Illi ma tezisti ebda solidarjeta` *ex lege* u lanqas *ex contractu* la bejn l-intimati Maurice Attard u Sonlit Limited flimkien u bejniethom u lanqas bejn l-istess intimati Maurice Attard u Sonlit Limited, kemm individwalment u kif ukoll it-tnejn flimkien, mal-konvenuti l-ohra f'din il-kawza u konsegwentement it-talba kif dedotta sabiex l-intimati jigu kundannati solidalment flimkien ghall-hlas tad-danni lill-attrici ma tista' tigi qatt akkolta;

5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu suggett ghall-approvazzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati Maurice Attard u Stephen Balzan.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Fis-16 ta' Mejju, 2011 il-Qorti ordnat li l-ewwel tigi trattata l-eccezzjoni ta' l-interpellazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Rat li fit-23 ta' Settembru, 2011 il-partijiet qablu li fil-kaz odjern ma giet intavolata ebda ittra ufficjali fil-konfront tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar.

Illi ghalkemm il-Qorti tat l-opportunita` lill-partijiet kollha jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet dwar l-eccezzjoni sollevata, giet prezentata biss nota mill-attrici.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Kap 12 art 460(1) jipprovdi:

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart'ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car."

Fil-kawza fl-ismijiet **V. G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, (Cit. Nru. 355/07FS) deciza

minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta' Mejju, 2007 inghad:

"***D3. Gurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12:***

Kull att gudizzjarju li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA **Gauci vs Registratur tal-Qorti et** 1/2/90, **Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et** 22/6/92, **Roger Sullivan *noe* vs Kontrollur tad-Dwana** 15/1/93, **Michael Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar *et noe*** 2/10/96, **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** 29/5/97.

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority** Prim'Awla tat-22 ta' Novembru 2007gie ritenut illi "l-kelma 'persuna' kif uzata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna guridika".

Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawza kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita', permezz ta' ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbaghat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawza tkun nulla [Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita' ta' l-Ippjanar deciza PA – Imh R Pace fit 13 ta' Lulju, 2000.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tas-26 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet **Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja *et*** il-Qorti qalet:

"Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f'kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta' ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita` ta' l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."

L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' April 2003 fl-ismijiet **Salvatore Ellis *et noe* vs Il-Kontrollur tad-Dwana** ntqal:

“Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta' ittra ufficjali jew ta' protest. Mhux hekk biss pero' ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir-Registru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f’kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita` imposta mil-ligi.”

Ara wkoll sentenza Prim’Awla tal-25 ta' Jannar 1991 fl-ismijiet **Ines Calleja *et* vs Gaetano Spiteri *et*.**

Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2004 tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** [deciza mill-Prim’Awla fid-29/5/97] gie ritenut li n-nuqqas ta' osservanza tal-provvedimenti ta' l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jgib mieghu l-piena tan-nullita` ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri, izda jgib mieghu ukoll in-nullita ta' kull att relattiv u sussegwenti. Infatti intqal:
“Minn ezami ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta' l-attur, ma jista' jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta' ittra ufficcjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car... Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami - bi ksur allura ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta' jipproduci ebda effett.”

***D4. Eccezzjonijiet ghar-regola taht l-artikolu 460:***
Is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 460 jipprovdi li:

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –

(a) ghal azzjonijiet ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-

Kostituzzjoni; jew

(b) ghal mandati ta' inibizzjoni; jew

(c) ghal azzjonijiet ghall-korrezzjoni ta' atti ta' l-istat civili; jew

(d) ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza;

(e) ghal riferenzi ta' tilwimiet ghall-arbitragg,

u meta skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, maghdud terminu jew zmien iehor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'ghandhomx japplikaw u l-imsemmija procedura, maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghandha tapplika u tigi mharsa minflokhom.

Fil-kaz in ezami mhumiex applikabbli dawn l-eccezzjonijiet.

***<u>D5. Kontenzjoni li s-socjeta` intimata hi entita` privata:</u>***

Is-socjeta` rikorrenti taqbel li hi ma intavolat l-ebda ittra ufficjali jew protest gudizjarju qabel ma intavolat il-proceduri odjerni. Izda tikkontendi li dan ma kienx bi zvista *da parte* taghha stante li hi tinstab f'litigju ma' entita` privata u mhux entita li tinkwadra fl-artikolu citat. Tikkontendi li l-imsemmi artikolu jelenka dawk l-entitajiet illi b'mod perentorju u tassattiv, jirrikjedu pre-avviz permezz ta' ittra gudizzjarja jew protest qabel ma jkunu jistghu jigu intavolati xi proceduri gudizzjarji fil-konfront taghhom.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma' dan ghar-ragunijiet imsemmija taht **D1** hawn fuq.

Il-Qorti sejra f'dan l-istadju tikkwota mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Is-Socjeta` Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, deciza fid-29 ta' Settembru 2009, dwar il-pozizzjoni legali ta' l-MIP. Hawn intqal:

"Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u tqis li huwa x'aktarx fieragħ għaliex MIP hija, fil-fatt, l-awtorita` pubblika li waħedha għandha s-setgħa li taqtagħha jekk jinħariġx Ordni ta' Żgumbrament u tagħti "pariri" lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jordna l-ħruġ ta' Ordni bħal dak. Il-fatt li dik l-awtorita` għandha s-sura ta' kumpannija kummerċjali ma jneħħihiex milli tikkwalifika bħala "korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi" kif imsemmi fl-artikolu 469A(2). Din ix-xejra "pubblika" toħroġ ukoll mill-binja azzjonarja tagħha, fejn l-azzjonist ewlieni huwa l-Ministeru tal-Finanzi (b'9,999 sehem ordinarju) u l-azzjonist minoritarju (M.I.M.C.O.L.) (b'sehem ordinarju wieħed) ukoll kumpannija b'investiment pubbliku qawwi. MIP tqis lilha nnifisha wkoll bħala "*Government agency responsible for the* management, development and administration of Government-owned industrial estates";

Illi, minbarra dan, ħarsa lejn id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 169 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmluha ċara li MIP ngħatat setgħat (b'delega) li jikkaratterizżaw lil kull awtorita' b'funzjoni pubblika. L-istess dispożizzjonijiet jixhdu wkoll li MIP tgawdi setgħat ta' funzjoni regolatriċi pubblika u amministrativa. Il-Qorti tinnota wkoll li kienet MIP nnifisha li fit-tmien u fid-disa' paragrafi tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tagħha tistqarr daqstant, meta tgħid li hija "s-suċċessur" tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta;..."

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni attrici hi nulla, u konsegwentement hu null l-att kawtelatorju li nhareg sabiex jikkawtela t-talbiet attrici *pendente lite*."

Ir-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha osservat li: "Kunsill lokali mhuwiex il-Gvern. Lanqas hu awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. Il-Kunsill Lokali hu **gvern lokali**, xi haga li hi *toto coelo* differenti u distinta mill-Gvern. Difatti, l-artikolu 3 tal-Kap. 363 {Att dwar Kunsilli Lokali} jipprovdi li:

"Il-Kunsill huwa korp statutorju ta' gvern **lokali** b'personalita` legali distinta bis-setgha li jaghmel kuntratti, li jharrek u li jkun imharrek, u li jaghmel kull hag'ohra u li jidhol f'dawk it-transazzjonijiet li huma incidentali jew li

jwasslu ghall-ezercizzju u ghall-qadi tal-funzjonijiet tieghu skont dan l-Att.”

Ma hemmx dubju li Kunsill Lokali u l-Gvern ma humiex l-istess haga, anzi huma distinti minn xulxin. Dan johrog mill-istess Att li jirregola l-Kunsilli Lokali. Tant hu hekk li l-istess artikolu gja citat jipprovdi li l-Kunsill hu moghni b’personalita` legali distinta, u ghalhekk hu evidenti li m’huwiex il-Gvern, anke jekk ghandu setghat limitati li bis-sahha tad-devoluzzjoni, qabel kienu jispettaw lill-Gvern.

Mhux hekk biss izda l-aqwa prova li l-Kunsill Lokali u l-Gvern huma distinti minn xulxin, u li Kunsill m’huwiex l-istess haga bhall-Gvern, tohrog mill-artikolu 33 (2) tal-Kap.363 li jzomm din id-distinzjoni cara:

“Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta’ Struttura, monumenti nazzjonali, *parks* jew gonna nazzjonali, *estates* industrijali, portijiet, ajruporti u territorji ohra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oggetti ohra mnizzla fir-Raba’ Skeda li tinsab ma’ dan l-Att huma responsabbilta` **tal-Gvern** u u, hlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta’ **Kunsilli Lokali.**

Filwaqt li l-artikolu 33 (3) (a) tal-istess Att jipprovdi li:

“Jistghu jigu mizjuda diversi funzjonijiet godda lill-Kunsilli Lokali. Kull funzjoni tigi devoluta meta **l-Gvern Centrali** jkun konvint li **l-Kunsilli Lokali** huma preparati biex jiehdu din ir-responsabilita`…”

Ikkunsidrat illi huwa veru kif sostniet irr-ikorrenti li Kunsill Lokali mhux il-Gvern. Huwa veru wkoll li l-Gvern u l-Kunsilli Lokali huma distinti minn xulxin. Huwa veru wkoll li r-rikorrenti kienet baghtet ittra legali fit-22 ta’ Jannar, 2010 lill-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar, u infatti tinstab kopja taghha a fol 38 tal-process, u l-Kunsill Lokali *tramite* l-konsulent legali tieghu Dr. John Bonello, irrisponda ghaliha fis-27 ta’ Jannar, 2010. Izda jigi osservat li hemm Direttur ghall-Gvern Lokali u jezisti *Internal Audit And Investigations Directorate* b’funzjonijiet

(Fl-artikolu 49(6)(c) tal-Kap 363 jinghad li "fuq talba tad-Dipartiment għal Gvern Lokali wara li nuqqasijiet li joħorġu fir-rapport tal-awdituri jew meta wara investigazzjoni mid-Dipartiment jirriżulta li s-Segretarju Eżekuttiv ikun wettaq abbuż..."). Hemm provvdut poteri ta' l-Awditur Generali li fid-definizzjonijiet jirreferixxu ghall-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni. Jezisti l-poter tax-xoljiment ta' Kunsill ("22. Il-President għandu, b'ordni fil-Gazzetta fuq il-parir tal-Prim Ministru, ixolji Kunsill…").

Izda, dak li jirrikjedi l-artikolu 460 (1) tal-Kap 12 hu li tintbaghat ittra ufficjali (mhux legali) u li ma jibdewx procedimenti kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (*against any authority established by the constitution*). Issa l-Att XIII ta' l-2001, att intiz biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 4 tieghu jispecifika li ghandu jidhol artikolu 115A. Dan gie pubblikat mal-Gazzetta tal-Gvern 17,086 u pubblikat fl-24 ta' April, 2001. Dan l-artikolu jghid hekk:

"KAPITOLU XA

KUNSILLI LOKALI

115A. "L-Istat għandu jaddotta sistema ta' gvern lokali li biha t-territorju ta' Malta jinqasam f'dak l-għadd ta' lokalitajiet hekk kif jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit b'liġi, b'dan li kull lokalità tkun amministrata minn Kunsill Lokali elett mir-residenti tal-lokalità u li jitwaqqaf u jitħaddem skont dik il-liġi li tista'minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ."

Dan iwassal li l-Kunsilli Lokali permezz ta' l-Att imsemmi gew imwaqqfa bil-Kostituzzjoni u ghalhekk wara li dan l-Att sar parti mill-Kostituzzjoni Maltija, jaqa' fit-termini ta' l-artikolu 460(1) b'mod li l-formalitajiet rikjesti saru necessarji *ad validitatem* fi procedimenti kontra Kunsilli Lokali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni perliminari tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Minhabba n-natura ta’ l-eccezzjoni, spejjez bla taxxa fuq din l-eccezzjoni.

Il-Qorti tordna li l-kawza titkompla kontra l-intimati l-ohra, u ghal dan il-ghan tiddifferixxi l-kawza ghas-27 ta’ Marzu, 2012.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------